KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
YVES BOT
ippreżentati fl-14 ta' Jannar 2016 [1]

Kawżi magħquda C-145/15 u C-146/15

K. Ruijssenaars,
A. Jansen (C-145/15),
J. H. Dees-Erf (C-146/15)
vs
Staatssecretaris van Infrastructuur en Milieu

[talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport bl-ajru — Regolament (KE) Nru 261/2004 — Kumpens u assistenza lill-passiġġieri — Tħassir ta' titjira — Artikolu 16 — Organi nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament — Drittijiet suġġettivi — Rwol tal-organi nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament — Ilment individwali — Sanzjonijiet"

1. Permezz tad-domanda tiegħu, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq ikun jaf jekk l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 [2] jimponix fuq l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament l-obbligu li jadotta miżuri koerċittivi sabiex jobbliga lil trasportatur tal-ajru jħallas lil passiġġier il-kumpens li jkun dovut minħabba d-dewmien jew it-tħassir ta' titjira, skont l-Artikoli 5 u 7 tal-imsemmi regolament.

2. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 261/2004 jobbliga lill-Istati Membri sabiex jinnominaw organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament li, fejn xieraq, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jassigura li d-drittijiet tal-passiġġieri jkunu mħarsa.

3. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega r-raġunijiet għaliex jidhirli li l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament, li jkollu quddiemu lment individwali ta' passiġġier, ma jistax jadotta miżuri koerċittivi kontra t-trasportatur tal-ajru kkonċernat sabiex jordnalu jħallas il-kumpens li jkun dovut lil dan il-passiġġier skont l-imsemmi regolament.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li [...] jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 07, Vol 8, p. 10).

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. Il-premessa 1 tar-Regolament Nru 261/2004 tindika li l-"[a]zzjoni mil-Komunitá fil-qasam ta' transport permezz ta' l-ajru għandha jkollha l-iskop, fost affarijiet oħrajn, li tassigura livell ogħli ta' protezzjoni għall-passiġġieri".

5. L-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, il-passiġġieri in kwistjoni għandhom:

[...]

(ċ) jkollhom id-dritt għal kumpens mil-trasportatur ta' l-ajru li jopera skond l-Artikolu 7, kemm-il darba:

(i) huma informati bil-kanċellazzjoni mill-inqas ġimgħatejn qabel il-ħin tat-tluq skedat; jew

(ii) huma informati bil-kanċellazzjoni bejn ġimgħatejn u sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn sagħtejn qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn erba' sigħat wara l-ħin tal-wasla skedat; jew

(iii) huma informati bil-kanċellazzjoni inqas minn sebat ijiem qabel il-ħin tat-tluq skedat u huma offruti rotta differenti, li tħallihom jitilqu mhux aktar minn siegħa qabel il-ħin tat-tluq skedat u jaslu fid-destinazzjoni finali tagħhom inqas minn sagħtejn wara l-ħin tal-wasla skedat.

[...]

3. Trasportatur ta' l-ajru li jopera m'għandux ikun obbligat iħallas kumpens skond l-Artikolu 7, jekk jista' juri li l-kanċellazzjoni hi kkawżata minn ċirkostanzi staordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha ġew meħudin.

[...]"

6. L-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Fejn referenza hi magħmula għal dan l-Artikolu, passiġġieri għandhom jirċievu kumpens li jammonta għal:

(a) EUR 250 għat-titjiriet kollha ta' 1500 kilometru jew inqas;

(b) EUR 400 għat-titjiriet intra-Komunitarji kollha ta' aktar minn 1500 kilometru, u għat-titjiriet oħrajn kollha bejn 1500 u 3500 kilomentru;

[...]"

7. L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 261/2004 jipprovdi kif ġej:

“1. Kull Stat Membru għandu jinnomina organu responsabbli għall-infurzar ta’ dan ir-Regolament fir-rigward ta’ titjiriet minn ajruporti li jinstabu fit-territoju tiegħu u titjiriet minn pajjiż terz għal dawn l-ajruporti. Fejn xieraq, dan l-organu għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li d-drittijiet ta’ passiġġieri huma mħarsa. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni ta’ l-organu li ġie nnominat skond dan il-paragrafu.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 12, kull passiġġier jista’ jagħmel ilment lil kwalunkwe organu nnominat taħt il-paragrafu 1, jew lil kwalunkwe organu kompetenti ieħor innominat minn Stat Membru, dwar ksur allegat ta’ dan ir-Regolament fi kwalunkwe ajruport li jinstab fit-territorju ta’ Stat Membru jew fir-rigward ta’ kwalunkwe titjira minn pajjiż terz għal ajruport li jinstab f’dak it-territorju.

3. Is-sanzjonijiet stabbiliti minn Stati Membri għal ksur ta’ dan ir-Regolament għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u imġiegħla”.

B – *Id-dritt Olandiż*

8. Sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 261/2004, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi nnomina lill-iStaatssecretaris van Infrastructuur en Milieu (is-Segretarju tal-Istat għall-Infrastrutturi u għall-Ambjent, iktar ’il quddiem is-“Segretarju tal-Istat”) bħala l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta’ dan ir-regolament. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 11.15(b), 1°, tal-Liġi dwar l-avjazzjoni (Wet luchtvaart), tat-18 ta’ Ġunju 1992 [3], fil-verżjoni tagħha li tapplika għall-kawżi prinċipali (iktar ’il quddiem il-“Liġi dwar l-avjazzjoni”), is-Segretarju tal-Istat għandu l-kompetenza li jobbliga, permezz ta’ ordni amministrattiva, lil min jikser il-liġi sabiex jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-imsemmi regolament jew li ġew adottati bis-saħħa tiegħu sabiex jirrimedja l-ksur. Jekk dan ma jagħmlux jew jekk ma jagħmlux fit-termini imposti, is-Segretarju tal-Istat għandu l-kompetenza li jirrimedja dak il-ksur huwa stess.

9. Fil-każ ta’ ksur tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament Nru 261/2004 jew li ġew adottati bis-saħħa tiegħu, is-Segretarju tal-Istat jista’, skont l-Artikolu 11.16(1)(e), 1°, tal-Liġi dwar l-avjazzjoni, jimponi multa amministrattiva.

10. Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li din il-liġi tagħti lis-Segretarju tal-Istat kompetenza ġenerali sabiex jadotta miżuri koerċittivi fil-każ ta’ ksur tar-Regolament Nru 261/2004 u tagħti l-eżempju ta’ trasportatur tal-ajru li jirrifjuta sistematikament li jonora l-obbligi tiegħu li joħorġu minn dan ir-regolament. Min-naħa l-oħra, hija ssostni li l-imsemmija liġi ma tagħtix kompetenza lis-Segretarju tal-Istat sabiex jadotta miżuri koerċittivi fuq talba ta’ passiġġier f’kull każ individwali fejn it-trasportatur tal-ajru jirrifjuta li jaċċetta talba għal kumpens ibbażata fuq l-Artikoli 5(1)(ċ) u 7 tal-imsemmi regolament.

II – **Il-kuntest fattwali**

11. K. Ruijssenaars u A. Jansen (Kawża C-145/15) kif ukoll J. H. Dees-Erf (Kawża C-146/15) (iktar ’il quddiem, flimkien, ir-“rikorrenti fil-kawżi prinċipali”), li t-titjiriet tagħhom kienu tħassru u kienu s-suġġett ta’ dewmien ta’ 26 siegħa, rispettivament, talbu, f’żewġ okkażjonijiet, lill-kumpanniji tal-ajru responsabbli mit-titjiriet, jiġifieri Royal Air Maroc (Kawża C-145/15) u Koninklijke Lucthvaart Maatschappij NV (Kawża C-146/15), sabiex iħallsuhom il-kumpens previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004.

3 — Stb. 1992, nº 368.

12. Wara rifjuti sussegwenti taż-żewġ trasportaturi tal-ajru sabiex jikkumpensaw lir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, dawn tal-aħħar talbu lis-Segretarju tal-Istat sabiex jadotta l-miżuri koerċittivi amministrattivi meħtieġa sabiex jordnalhom jirrimedjaw il-ksur tal-Artikolu 5(1)(ċ) tar-Regolament Nru 261/2004 u sabiex iħallsuhom il-kumpens mitlub, skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament.

13. It-talbiet u l-ilmenti tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ġew miċħuda mis-Segretarju tal-Istat. Għaldaqstant, K. Ruijssenaars u A. Jansen ippreżentaw rikors quddiem ir-Rechtbank Oost-Brabant (il-qorti ta' Oost-Brabant) kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tas-Segretarju tal-Istat li tikkonċernahom u J. H. Dees-Erf ippreżenta rikors quddiem ir-Rechtbank Den Haag (il-qorti ta' Den Haag) kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tas-Segretarju tal-Istat li kienet tikkonċernah. Dawn il-qrati t-tnejn li huma ddikjaraw ir-rikorsi bħala infondati. Għaldaqstant ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ddeċidew li jappellaw quddiem ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat).

14. F'kull waħda minn dawn il-kawżi, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) esprima dubji dwar il-kompetenza tas-Segretarju tal-Istat sabiex jadotta miżuri koerċittivi amministrattivi fil-konfront tat-trasportaturi tal-ajru f'kull każ inividwali ta' ksur tal-Artikoli 5(1)(ċ) u 7 tar-Regolament Nru 261/2004.

15. Dik il-qorti jidhrilha, fil-fatt, li, peress li r-relazzjoni bejn trasportatur tal-ajru u passiġġier hija ta' natura ċivili, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni minn dan it-trasportatur tal-obbligi tiegħu jaqa' taħt il-kompetenza tal-qrati ċivili. Jekk jiġi rrikonoxxut li s-Segretarju tal-Istat għandu tali kompetenza, dan jippreġudika, fil-fehma tagħha, it-tqassim tas-setgħat ġudizzjarji fil-Pajjiżi l-Baxxi. Iktar minn hekk, skont ix-xogħol parlamentari tal-Liġi dwar l-avjazzjoni, ma huwiex il-kompitu tal-awtorità amministrattiva li titlob mingħand it-trasportatur tal-ajru l-kumpens f'isem il-passiġġieri.

16. Huwa f'dan il-kuntest li r-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri f'dawn iż-żewġ kawżi u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 [...], jimponi fuq l-awtoritajiet nazzjonali l-obbligu li jadottaw miżuri ta' eżekuzzjoni li jawtorizzaw lill-organu innominat abbażi tal-Artikolu 16 jieħu miżuri koerċittivi amministrattivi f'kull każ individwali ta' ksur tal-Artikoli 5(1)(ċ) u 7 tar-Regolament, sabiex jiġi ggarantit id-dritt ta' passiġġier li jingħata kumpens f'kull każ individwali, fid-dawl tal-fatt li d-dritt Olandiż jippermetti lill-passiġġieri jinvokaw quddiem il-qrati ċivili d-drittijiet li, bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, huma jistgħu jisiltu mill-Artikoli 5(1)(ċ) u 7 tar-Regolament?"

III – **L-analiżi tiegħi**

17. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 261/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament, li jkollu quddiemu lment individwali ta' passiġġier, huwiex obbligat li jadotta miżuri koerċittivi kontra t-trasportatur tal-ajru kkonċernat bil-għan li jordnalu jħallas il-kumpens li jkun dovut lil dan il-passiġġier skont l-imsemmi regolament.

18. Fir-realtà, il-kwistjoni li tqum f'dawn il-kawżi hija dik dwar il-portata tar-rwol, mogħti bis-saħħa tar-Regolament Nru 261/2004, lill-organi nazzjonali li jkunu responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament.

19. L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 261/2004 għadu ma kienx is-suġġett ta' interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja. L-iktar l-iktar, dan ġie invokat fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-264/06, EU:C:2007:240); Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-333/06, EU:C:2007:351), u McDonagh (C-12/11, EU:C:2013:43), mingħajr madankollu ma ġiet ittrattata il-kwistjoni li għandna quddiemna llum.

20. Skont ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, dan l-artikolu jimponi fuq l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 l-obbligu li jadottaw miżuri koerċittivi kontra t-trasportaturi bl-ajru sabiex jordnalhom iħallsu lill-passiġġieri kkonċernati l-kumpens dovut skont l-Artikoli 5 u 7 ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali jikkunsidraw li trid issir distinzjoni bejn, minn naħa, id-danni li jirriżultaw min-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi kuntrattwali, li għandhom jintalbu quddiem il-qrati ċivili, u, min-naħa l-oħra, l-obbligu li jitħallas il-kumpens li joħroġ direttament mir-Regolament Nru 261/2004 u li għandu jkun impost mill-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament [4].

21. Jien ma naqbilx ma' dan l-argument, u dan għar-raġunijiet segwenti.

22. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 261/2004 jipprovdi li "[k]ull Stat Membru għandu jinnomina organu responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-Regolament [...]. Fejn xieraq, dan l-organu għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li d-drittijiet ta' passiġġieri huma mħarsa". L-Artikolu 16(2) ta' dan ir-regolament jindika li "kull passiġġier jista' jagħmel ilment lil kwalunkwe organu nnominat taħt il-paragrafu 1, jew lil kwalunkwe organu kompetenti ieħor innominat minn Stat Membru, dwar ksur allegat ta' dan ir-Regolament fi kwalunkwe ajruport li jinstab fit-territorju ta' Stat Membru jew fir-rigward ta' kwalunkwe titjira minn pajjiż terz għal ajruport li jinstab f'dak it-territorju". Fl-aħħar nett, l-Artikolu 16(3) tal-istess regolament jipprovdi li "[i]s-sanzjonijiet stabbiliti minn Stati Membri għal ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u imġiegħla".

23. Il-missjoni tal-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 tista' għaldaqstant tkun doppja. Fl-fatt, il-missjoni primarja, obbligatorja, tiegħu hija dik li jiżgura l-infurzar ta' dan ir-regolament. It-tieni waħda, li ma għandhiex neċessarjament tingħata lil dan l-organu imma tista' tingħata lil xi organu ieħor, hija dik li jittratta l-ilmenti tal-passiġġieri tal-ajru.

24. Ma hemm xejn fid-diċitura tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 261/2004 li jippermetti li jiġi dedott li l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament huwa obbligat li jadotta miżuri koerċittivi kontra t-trasportaturi tal-ajru sabiex jordnalhom iħallsu lill-passiġġieri kkonċernati l-kumpens dovut skont l-Artikoli 5 u 7 tal-imsemmi regolament

25. Għalkemm huwa minnu li t-test tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 261/2004 jagħmel riferiment għall-"miżuri meħtieġa" u għas-"sanzjonijiet", dawn it-termini jirreferu, fil-verità, għar-rwol primarju tal-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament li huwa li jiżgura l-applikazzjoni ġenerali tajba tal-imsemmi regolament.

26. Fil-fatt, dan l-Artikolu 16 għandu jinqara flimkien mal-premessa 22 tar-Regolament Nru 261/2004. F'dan is-sens, din il-premessa tindika li "[l-i]Stati Membri għandhom jassiguraw u jissorveljaw *ħarsien ġenerali* mil-trasportaturi ta' l-ajru tagħhom ma' dan ir-Regolament u jinnominaw korp xieraq *biex iwettaq dawn il-kompiti ta' infurzar*. Din is-sorveljanza m'għandhiex taffettwa d-drittijiet ta' passiġġieri u trasportaturi ta' l-ajru biex ifittxu rimedju legali minn qrati taħt proċeduri ta' liġi nazzjonali" [5].

27. Minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien jirriżulta li l-missjoni primarja, obbligatorja, tal-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 hija li jiżgura, b'mod ġenerali, li t-trasportaturi tal-ajru jonoraw l-obbligi li huma għandhom taħt dan ir-regolament. Pereżempju, dan l-organu għandu jara li l-passiġġieri jkunu debitament informati, mit-trasportaturi

4 — Punt 20 tal-osservazzjonijiet bil-miktub fil-Kawża C-145/15.

5 — Korsiv miżjud minni.

tal-ajru, bid-drittijiet tagħhom jew li jkunu jafu għand min għandhom imorru jekk jidhrilhom li d-drittijiet tagħhom ma ġewx irrispettati [6]. Huma għandhom ukoll jidentifikaw l-eventwali ksur, mit-trasportaturi tal-ajru, tal-obbligi li huma għandhom skont l-imsemmi regolament u għandhom jirrimedjawhom.

28. Fil-każ ta' ksur ta' dawn l-obbligi, l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jadotta l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-passiġġieri, u b'mod partikolari s-sanzjonijiet kontra t-trasportaturi tal-ajru [7]. L-użu tal-kelma "sanzjonijiet", fl-Artikolu 16(3) tal-imsemmi regolament, ma jħalli ebda lok għal dubju. Fl-ebda każ dawn is-sanzjonijiet ma jistgħu jissostitwixxu l-kumpens lill-passiġġier li d-drittijiet tiegħu ma jkunux ġew irrispettati. Fil-fatt, l-imsemmija sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti biss fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq, mit-trasportaturi tal-ajru, tal-obbligi tagħhom taħt ir-Regolament Nru 261/2004 u mhux għal ksur tad-drittijiet suġġettivi li l-passiġġier jislet minn dan ir-regolament wara kuntratt li jkun ikkonkluda ma' trasportatur tal-ajru. Fil-verità, bħala l-missjoni primarja tiegħu, l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-imsemmi regolament jiddefendi l-interessi kollettivi tal-passiġġieri tal-ajru.

29. Din l-interpretazzjoni tinsab ikkonfermata mix-xogħol preparatorju li jinsab għaddej sabiex jiġi emendat ir-Regolament Nru 261/004. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni, filwaqt li tfakkar li dan ir-regolament "jeħtieġ [...] li l-Istati Membri jistabbilixxu Korpi Nazzjonali għall-Infurzar (NEB) biex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tar-Regolament" [8], tindika li jeħtieġ li jiġi ċċarat ir-rwol ta' dawn l-organi billi jingħataw b'mod ċar ir-rwol tal-infurzar ġenerali u li jiġi żgurat li dawn jadottaw politika ta' sorveljanza iktar proattiva minn dik tal-lum [9].

30. L-Istati Membri għandhom ċerta marġni ta' diskrezzjoni meta jiġu biex jinnominaw l-imsemmija organi u, fuq kollox, fl-għoti tal-kompetenzi li huma jixtiequ jagħtuhom. F'dan ir-rigward, teżisti ċerta disparità istituzzjonali. Ċerti Stati Membri għażlu li jinnominaw bħala organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 lill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tagħhom, mentri oħrajn ippreferew li jinnominaw lill-awtorità nazzjonali tal-protezzjoni tal-konsumaturi tagħhom [10]. Bl-istess mod, għalkemm ċerti Stati Membri (fil-verità, il-parti l-kbira minnhom) innominaw lil dan l-organu bħala li huwa kompetenti sabiex jittratta l-ilmenti individwali fis-sens tal-Artikolu 16(2) ta' dan ir-regolament, min-naħa l-oħra, hemm oħrajn li nkarigaw organu differenti b'din il-missjoni [11].

31. X'jiġri meta l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 jkun ukoll responsabbli għat-trattament tal-ilmenti individwali? Huwa għandu l-obbligu li jadotta miżuri koerċittivi sabiex jobbliga lit-trasportatur bl-ajru jikkumpensa lill-passiġġier? Jiena ma naħsibx li dan għandu jkun il-każ.

32. Kif rajna diġà, l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 jista', skont l-Artikolu 16(2) ta' dan ir-regolament, ikun responsabbli wkoll għat-trattament tal-ilmenti. Ma hemm xejn fil-kliem ta' din id-dispożizzjoni li jindika li dan l-organu huwa obbligat li jaġixxi fuq ilment ta' passiġġier dwar ksur tad-drittijiet tiegħu skont dan ir-regolament. Fil-fehma tiegħi, l-Istati Membri igawdu, f'dan ir-rigward, ċerta marġni ta' diskrezzjoni f'dak li jikkonċerna l-portata tal-kompetenzi mogħtija lil dan l-organu. Dan tal-aħħar jista', għaldaqstant, jieħu l-forma ta' organu

6 — Ara l-punti 3.3 u 3.4 tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet [COM(2011) 174 finali].

7 — Ara l-Artikolu 16(1) u (3) ta' dan ir-regolament.

8 — Ara l-punt 1.1 tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 [kif ukoll] ir-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbilità ta' trasportaturi bl-ajru, fejn jidħol it-trasport bl-ajru tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom [COM(2013) 130 final].

9 — Ara l-punt 3.3.1.2 ta' din il-proposta.

10 — Ara d-dokument tal-Kummissjoni disponibbli fis-sit internet http://ec.europa.eu/transport/themes/passengers/air/doc/2004_261_national_enforcement_bodies.pdf.

11 — *Idem*. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-Ungerija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isvezja.

responsabbli għar-riżoluzzjoni extraġudizzjarja ta' tilwim bejn it-trasportaturi tal-ajru u l-passiġġieri u jkollu r-rwol ta' medjatur jew inkella r-rwol tiegħu jista' jkun limitat sabiex jipprovdi informazzjoni lill-passiġġier li jkun ressaq ilment quddiemu, b'mod partikolari sabiex dan ikun jaf x'passi jrid jieħu, kif għandu jressaq ilment quddiem it-trasportatur tal-ajru jew sabiex jiggwidah għall-formola standard Ewropea [12].

33. Għalkemm l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 li jittratta l-ilmenti ma għandux l-obbligu li jaġixxi fuq ilment individwali, min-naħa l-oħra, in-numru ta' lmenti li jkollu quddiemu jista' fil-fatt ikun indikatur tajjeb ta' ksur ripetut tal-obbligi li għandu t-trasportatur tal-ajru u jista' għaldaqstant iwasslu sabiex jadotta miżuri koerċittivi kontrih [13].

34. Tali interpretazzjoni ma hijiex tali li taffettwa l-għanijiet li r-Regolament Nru 261/2004 jrid jilħaq, jiġifieri dak li jiżgura protezzjoni għolja lill-passiġġieri u dak li jikkunsidra b'mod sħiħ ir-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-konsumaturi inġenerali [14]. Anzi, bil-kontra.

35. Fil-fatt, infakkar li r-Regolament Nru 261/2004 għandu l-għan li jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni lill-passiġġieri billi jirrikonoxxilhom drittijiet minimi f'każ li ma jitħallewx jitilgħu, f'każ ta' tħassir jew ta' dewmien twil fit-titjira tagħhom [15]. Jekk huma jidhrilhom li d-drittijiet tagħhom inkisru u li r-rimedju mhux kontenzjuż ikunx falla, il-passiġġieri jibqgħalhom il-possibbiltà li jirrikorru għar-rimedji ġuridiċi klassiċi. Għaldaqstant, huma jistgħu jiftħu kawża quddiem il-qorti kompetenti. Fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, teżisti proċedura ssimplifikata għat-tilwim fejn l-ammont ma jeċċedix ċertu ammont, li jiffaċilita għaldaqstant l-aċċess għall-ġustizzja tal-passiġġieri [16]. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li dan il-limitu, fil-Pajjiżi l-Baxxi, huwa ta' EUR 25 000 u li r-rappreżentanza minn avukat ma hijiex obbligatorja.

36. Dwar it-tilwim transkonfinali, infakkar li teżisti proċedura Ewropea għal talbiet żgħar prevista mir-Regolament (KE) Nru 861/2007 [17] li tapplika għat-tilwim fejn l-ammont tat-talba ma jaqbiżx l-EUR 2000 u li lanqas ma teħtieġ l-assistenza minn avukat [18].

37. Għaldaqstant, permezz ta' dawn il-proċeduri il-passiġġieri għandhom rimedju kontenzjuż iffaċilitat fil-konfront ta' professjonisti bħalma huma l-kumpanniji tal-ajru.

38. Barra minn hekk, id-definizzjoni u d-determinazzjoni tar-rwoli rispettivi tal-organi nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004, tal-organi responsabbli għat-trattament tal-ilmenti u, jekk ikun il-każ, tal-qrati nazzjonali, kif jirriżultaw mill-analiżi tiegħi, huma l-uniċi li jistgħu jiggarantixxu l-protezzjoni tal-passiġġieri u tal-konsumaturi inġenerali.

39. Fil-fatt, li kieku titħalla f'idejn l-organi nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 r-responsabbiltà sabiex jimplementaw id-drittijiet suġġettivi li l-passiġġieri għandhom taħt dan ir-regolament u sabiex jobbligaw lit-trasportaturi tal-ajru jħallsu l-kumpens li jkun dovut skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, dan iwassal inevitabbilment għal diverġenzi

12 — Din il-formola hija disponibbli fis-sit internet http://ec.europa.eu/transport/themes/passengers/air/doc/complain_form/eu_complaint_form_mt.pdf.

13 — Barra minn hekk, il-Kummissjoni, fil-proposta tagħha għal regolament imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, tipproponi koordinazzjoni aħjar bejn l-organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 u l-organu responsabbli għat-trattament tal-ilmenti individwali, sabiex ikun jista' jiġi identifikat b'mod iktar faċli n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-regolament u, għaldaqstant, sabiex jiġi ssanzjonat, jekk ikun il-każ, it-trasportatur tal-ajru li jkun inadempjenti (ara l-Artikoli 16 u 16a).

14 — Ara l-premessa 1 ta' dan ir-regolament.

15 — Ara l-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament.

16 — Ara d-dokument tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Procédure européenne de règlement des litiges – Analyse juridique de la proposition de la Commission visant à remédier aux défauts du système actuel", disponibbli fuq l-indirizz internet http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2014/542137/EPRS_IDA%282014%29542137_FR.pdf.

17 — Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, p. 1).

18 — Ara l-Artikoli 2(1) u 10 ta' dan ir-regolament.

fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, diverġenzi li jkunu sors ta' inċertezza legali għall-passiġġieri. Għaldaqstant, nista' nimmaġina sewwasew li organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-imsemmi regolament, li jkollu quddiemu lment individwali, jista' jiddeċiedi li t-tħassir ta' titjira ma huwiex il-konsegwenza ta' ċirkustanzi straordinarji u jilqa', għaldaqstant, it-talba mressqa mill-passiġġier billi jobbliga lit-trasportatur tal-ajru jikkumpensah, filwaqt li l-qorti kompetenti, adita fl-istess żmien jew *a posteriori*, tiddeċiedi li dawn iċ-ċirkustanzi jirriżultaw ippruvati u li tali kumpens ma huwiex għaldaqstant dovut.

40. Barra minn hekk, tqum bilfors il-kwistjoni dwar jekk organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004 jistax ikun ikklassifikat bħala "qorti", fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħtih għaldaqstant l-aċċess għall-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fil-fehma tiegħi, tali organu ma jistax jibbenefika minn din il-klassifikazzjoni [19]. Għaldaqstant, jekk jiġi aċċettat li dan l-organu jista' jadotta miżuri koerċittivi kontra trasportatur tal-ajru sabiex jordnalu jikkumpensa passiġġier, dan ikollu r-riskju, fil-każ ta' dubju dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 261/2004, li jiġu żviluppati interpretazzjonijiet diverġenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet mid-diversi organi nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament u, għaldaqstant, li tiġi ppreġudikata l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, f'qasam ta' kawżi li jitressqu sikwit quddiem din il-Qorti tal-Ġustizzja minħabba li l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet hija sors ta' ħafna diffikultajiet.

41. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, jiena tal-fehma li l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-regolament, li jkollu quddiemu lment individwali ta' passiġġier, ma jistax jadotta miżuri koerċittivi kontra t-trasportatur tal-ajru kkonċernat sabiex jordnalu jħallas il-kumpens li jkun dovut lil dan il-passiġġier skont dak ir-regolament.

IV – **Konklużjoni**

42. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domanda tar-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat) bil-mod kif ġej: L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li organu nazzjonali responsabbli għall-infurzar tar-Regolament Nru 261/2004, li jkollu quddiemu lment individwali ta' passiġġier, ma jistax jadotta miżuri koerċittivi kontra t-trasportatur tal-ajru kkonċernat sabiex jordnalu jħallas il-kumpens li jkun dovut lil dan il-passiġġier skont l-imsemmi regolament.

19 — Infakkar li, "skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiddetermina jekk l-organu tar-rinviju għandux in-natura ta' 'qorti jew tribunal', fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, liema kwistjoni taqa' unikament taħt id-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni sensiela ta' kriterji, bħal jekk l-organu huwiex stabbilit mil-liġi, jekk huwiex permanenti, jekk il-ġurisdizzjoni tiegħu hijiex ta' natura obbligatorja, jekk il-proċeduri quddiemu humiex kontradittorji, jekk l-organu japplikax regoli tad-dritt, kif ukoll jekk huwiex indipendenti [...] Barra minn hekk, il-qrati nazzjonali jistgħu jirrikorru għall-Qorti tal-Ġustizzja biss jekk kawża tkun pendenti quddiemhom u jekk ikunu mitluba jiddeċiedu fil-kuntest ta' proċedura li l-iskop tagħha huwa li twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja" (ara s-sentenza Ascendi Beiras Litoral e Alta, Auto Estradas das Beiras Litoral e Alta, C-377/13, EU:C:2014:1754, punt 23).